FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA 7 TA' NOVEMBRU, 2001

**Numru: 7**

**Avviz Nru: 977/01 AE**

**Thomas Bonello u Paul Bonello**

**vs**

**Mark Micallef.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas minghand il-konvenut tas-somma ta' erbgha mija u erbgha u disghajn lira Maltija (Lm494), rapprezentanti l-valur ta' mitejn u sebgha u erbghin (247) kannestru li l-konvenut zamm ghandu b'mod abbuziv u minghajr il-kunsens tal-atturi u dan kif ser jirrizulta waqt is-smiegh ta' dan l-avviz.

Semgha lill-avukat Dr. Edward Gatt jikkonferma l-avviz tat-talba u li sal-lum l-ammont mitlub ghadu dovut.

Ra li l-konvenut ghalkemm notifikat bl-avviz tat-talba baqa’ ma pprezentax risposta u lanqas ma deher fis-seduti tat-2 ta’ Novembru 2001 u tal-lum.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq premessi t-Tribunal qieghed jilqa’ t-talba ta’ l-atturi u jikkudanna lill-konvenut ihallashom is-somma ta’ erbgha mija u erbgha u disghajn lira Maltija (Lm494), bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-ittra ufficjali tal-25 ta’ Awissu 2001.

L-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**